# Il-Qanpiena ta' Santa Marija

*Kitba ta' Peter Caruana*

Ftit ilu kont qiegħed inqalleb id-djarju fil-qigħan imbiegħda ta' moħħi u ltqajt mal-ġrajja tal-qanpiena li hemm fuq il-kampnar ta' Santa Marija. Din il-qanpiena, li jekk niftakar sewwa hija l-kbira fost l-erbgħa li hemm fil-kampnar ta' fuq ix-xellug tal-bieb prinċipali, jiġifieri dak li qiegħed in-naħa ta' Wara l-Bjut, lejn ir-rokna. Għax din il-knisja żgħira nsibhua wkoll bħala "Tar-Rokna", minħabba d-daħla żgħira li hemm sewwa sew taħt dan il-kampnar. F'din id-daħla hemm żewġ bibien tad-djar, fejn f'waħda minn dawn id-djar, li qiegħda tmiss sewwa mal-knisja, jien dejjem niftakar joqgħod fiha, lil Dun Anton Zammit.

Billi twelidt u għext ftit metri bogħod minn din il-knisja, meta niftakar fiha nħoss bħala nostalġija li ma titlaqnix malajr. Fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja kien hemm ħanut ibiegħ id-drappijiet, fejn konna nsibuh bħala "Tan-Nuċa". Bejn dan il-ħanut u l-knisja, hemm daħla żgħira bejn il-ħitan tal-bini. Din id-daħla hi f'għamla ta' żurżieqa kemm xejn wieqfa. It-triq imsejħa għal din il-knisja li tibqa' sejra lejn Wara l-Bjut, ma kinitx asfaltata kif hi llum u l-anqas ma kienet watja t-Triq ta' Simmons, jew "Triq il-Ġdida" kif kienu jafuha ħafna. Vjal Simmons, kif hi llum, tinsab sewwa sew quddiem il-knisja ta' Santa Marija. Wara ftit xita li kienet tagħmel fix-xhur xitwin, it-toroq kienu jimtlew bit-tajn u b'ħofor mimlija ilma.

Dak iż-żmien, aħna t-tfal, il-logħob u biex nilagħbu, konna noħolquh u nagħmluh aħna. Niftakar li daqs 50 sena ilu, kien hawn ġenn għall-iskuters. Dawn konna nagħmluhom billi nsibu biċċa njama twila xi 40 c.metru u wiesgħa 10. Mat-tarf ta' l-injama konna nsammru biċċa saratizz u mat-tarf l-ieħor nagħmlu qatgħa fl-injama biex indaħħlu rota żgħira tal-ħadid. Konna nsejħulha "borrejs" (ballrace). Din ir-rota konna nġibuha mingħand xi ħadd li kien isewwi l-karozzi. Biċċa njama oħra twila xi metru u ma' tarf minnha nwaħħlu rota oħra. Din l-injama twila konna nwaħħluha mas-saratizz ta' quddiem. U erħilna naqdfu fuqha kemm kellna saħħa. Mhux l-ewwel darba li din kienet tinkiser u min ikun isuqha jixkana ma' l-art. F'dawn l-aħħar sentejn reġgħet qamet manija għal dawn l-iskuters li xi wħud minnhom jiswew daqs sena paga ta' ħamsin sena ilu.

Minn din iż-żurżieqa ta' fejn Santa Marija, konna ntellqu bil-qlib b'dawn l-iskuters. Nibqgħu niżlin Triq Simmons kollha sakemm naslu fejn il-ħanut ta' Wistina, hekk konna nsibuh il-ħanut li kellha Wistina Barbara fil-kantuniera t'isfel ta' Vjal Simmons. Kien ħanut li fih kont issib li forsi ma kienx jinstab fi ħwienet oħra; minn ħelu sa' furfiċetti. Dawn it-tlielaq bl-iskuter kienu l-għaxqa tagħna t-tfal. Min jirbaħ ma kien jieħu xejn għajr xi għajta mingħand ommu għax jimtela bit-trab jew tajn. Mhux l-ewwel darba li l-iskuter tinkiser f'nofs tellieqa minħabba l-ħotob jew ħofor li kien hemm fit-triq.

Skond il-kitteb Giovanni Faure' u dokumenti qodma ta' żmien il-Viżta ta' l-Isqof Don Baldassare Cagliares, il-knisja ta' Santa Marija bdiet tinbena fis-sena 1415. Fil-fatt insibu wkoll li meta Mons Duzzina ġie Ħal Tarxien fl-1575, huwa żar il-knisja ta' l-Assunzjoni ta' Santa Marija. Din il-knisja qadima fiha żewġ kampnari u quddiem il-bieb ewlieni hemm zuntier żgħir fejn issib ħames tarġiet qabel titla' u tidħol fiha. Jingħad li Zano Azupard, li kien joqgħod il-Birgu, huwa l-fundatur tal-knisja iżda kienet Domenica, l-arma ta' Ġentile Azupard li fl-1508 kompliet tieħu ħsieb il-knisja. Minħabba ħsarat kbar strutturali, il-knisja kellha titwaqqa' u terġa' tinbena fl-1668 fi żmien il-kappillan Dun Ġian Maria Barbara.

Inġiebu l-flus mingħand l-Isqof Fra Cocco Palmieri, biex fil-bidu tat-tmintax-il seklu, il-kappillan Dun Ġakbu Murga, seta' jkabbar il-knisja. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix lit-Tarxeniż Ġwanni Dumink Calleja li għen fiżikament u materjalment biex dan it-tkabbir irnexxa kif mixtieq. Il-kwadru titulari li nsibu llum, hu dedikat lit-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissima Inkurunata. Din il-pittura hi waħda mill-isbaħ xogħlijiet ta' Rocco

Buhagiar li pinġa fl-1771. Fuq in-naħa tal-lemin ta' l-altar maġġur insibu kwadru antik tal-Madonna tar-Rużarju bil-Bambin, Santa Katerina u San Duminku. Francesco Faure', miż-Żejtun, magħruf bħala l-"Frenċu", li għex bejn l-1849 u l-1915, ħadem l-istatwa ta' Santa Marija li nsibu fil-faċċata bejn iż-żewġ kampnari.

Niftakar sewwa li matul il-ġimgħa ta' jum Santa Marija, kienet titqaddes quddiesa kuljum u fil-jum ta'

Santa Marija, kienet issir quddiesa kantata. Għadd ta' nies minn dawk l-inħawi kienu jiġu jisimgħu l-quddiesa li Andrea u Tereża Muscat, fl-1826, kienu ħallew il-flus għal dawn il-funzjonijiet. Fi tfuliti niftakar lil Karmenu Massa jieħu ħsieb il-knisja. Fil-jiem tal-festa flimkien ma' ċorma tfal oħra, kont immur ngħin fl-armar tal-knisja. Il-faċċata kienet tintrama bil-bandalori u xi festun bid-dwal. Il-qanpiena l-kbira fost l-erbgħa żgħar li hemm fuq il-kampnar, kienet issemma leħinha biex tgħarraf lin-nies li wassal il-ħin għall-quddiesa. F'Jum il-festa kienu jindaqqu moti bl-erba' qniepen.

Għalkemm mhux l-ewwel darba li tlajt fuq il-kampnar biex forsi ndoqq xi qanpiena, aktarx li l-kbira fosthom baqgħet miftakra l-aktar fid-djarju ta' moħħi. Għaliex din, fi ċkuniti, kienet maħkuma mill-għeġubijiet. Ftit aktar minn ħamsin sena ilu, il-ħajja fil-Gżejjer Maltin, kienet għal kollox differenti mil-lum. Ftit li xejn kien hawn swali fejn wieħed jiddeverti jew jiżfen. L-isfog ewlieni kien iċ-ċinema, li tista' tgħid f'kull pajjiż kien hemm post, jew garaxx, li fih kienu jdawru t-tertuqa, kif kienu jgħidu. Għalina t-tfal, l-għaxijiet tax-xitwa kienu jfissru maqfula d-dar tistudja jew tara kif trid tgħaddi ż-żmien. L-irqad kien isir kmieni għax żgur kienet tkun xi ħaġa mhux tas-soltu biex tisma' ta' l-imwiet iddoqq.

Il-maltemp ma kienx idejjaqni u forsi kont niggosta 'l ommi tlissen is-"Santa Barbara, la deni u l-anqas ħsara" meta kienet tfaqqa' xi sajjetta qrib. It-tvenvin tar-riħ kien ibegħdni mis-sewwa għaliex l-isthajjil ta' ħaġa fi kribu, kien tabilħaqq inessini l-ħajja. Aktarx li meta r-riħ kien ilanġas sewwa, il-qanpiena l-kbira ta' Santa Marija, kont nismagħha bħal triegħed leħinha. Dan ma kienx sthajjil għaliex miegħi kien hemm għadd ta' nies oħra li kienu jisimgħu l-eku tal-qanpiena. Ftit kienu dawk li taw kas id-daqq tal-qanpiena, għax meta r-riħ iqell, il-ħsejjes jikbru u jitħalltu flimkien f'armonija naturali.

Iżda jum fost l-oħrajn, ġriet ix-xniegħa li fuq il-kampnar ta' Santa Marija, fil-maltemp, kien ikun hemm xiħadd idoqq il-qanpiena. Dak iż-żmien, il-ħorsien u l-erwieħ kienu aktar jaħdmu u jissemmew mil-lum, għax f'kull ħaġa ta' xejn kienu jidħlu, jew idaħħluhom. U r-ruħ iddoqq il-qanpiena ta' Santa Marija, ġriet mar-Raħal kollu. Kien hemm min xtaq li jistaħba fuq il-kampnar biex jara r-ruħ tiġbed il-ħabel tal-qanpiena, imma ħadd ma ssogra jitla' biex jaqta' xewqtu. Għax min kien ser jissogra jkun hemm fuq, fil-maltemp, b'riefnu jdur miegħu Dak ir-riħ qawwi seta' wkoll itajjar lil min jaħsel ikun hemm fuq. Il-ħlieqa tar-ruħ iddoqq il-qanpiena, lili ma niżlitlix u f'jum ta' maltemp qawwi, b'riħ ilanġas qisu uragan, ħija, jien u xi tlett itfal oħra, tleflifna sewwa fl-inċirata u deffisna beritta f'rasna, biex ix-xita ma xxarrabniex.Intasabna fil-kantuniera biswit il-ħanut tat-"Tabibu", sewwa sew quddiem il-knisja. Għajnejna ċassi jħarsu 'l fuq b'dehra nistennew ir-ruħ tiġbed il-ħabel tal-qanpiena. Balleċ id-diwi ħafif tad-daqq tal-qanpiena beda jinstema', iżda ma rajniex erwieħ imqabbda mal-ħbula. Il-biċċa ħabel li kien hemm marbut ma' lsien il-qanpiena, ġmielu beda jixxejjer mar-riħ. F'buffura aktar qawwija, dan il-biċċa ħabel beda jintrefa' 'l fuq u jaħbat b'tisbita mal-qanpiena

Dan kien id-diwi li konna nisimgħu u d-daqq tal-qanpiena ma kien ħadd, għajr il-biċċa ħabel megħjun mir-riħ, imeslaħ ma' wiċċ il-qanpiena.

